MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 448/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**
**Vs**
**Giovanni sive John Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, u cioe' nhar l-20 ta' Novembru, 2001 u/jew fil-jiem ta' qabel, u/jew wara din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ha flejjes li jammontaw ghal Lm1,800.00 liema

flejjes jappartjenu lil Maria Mamo w persuni ohra, w dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju bi ksur ta’ l-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki w foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm1,800.00 ghad-dannu ta’ Maria Mamo w persuni ohra, dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309, u 310(l) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fil-waqt li huwa ufficjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar hati ta’ reat iehor li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, dan bi ksur ta’ l-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 31, 141, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal piena karcerarja effettiva ta’ tmintax (18)-il xahar izda ma sabitux hati ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 ta’ Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-appellant ma giex misjub hati tal-akkuzi in konnessjoni mal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali migjuba kontra tieghu w li minnhom lliberatu w tirrevokaha kwantu l-appellant instab hati tal-akkuzi rigwardanti l-artikoli 308 u 310 tal-Kodici Kriminali billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi w fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant taht l-artikoli 308 u 310 tal-kodici Kriminali, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti :-
Illi l-Ewwel Qorti gharfet li x-xhud Maria Mamo ma kienitx xhud attendibbli, b'rizultat li l-appellant gie liberat mill-akkuza tal-misapproprjazzjoni w anke mill-addebitu tar-reat kontinwat.
Tenut kont tal-fatt li l-appellant ghazel li jwiegeb ghad-domandi kollha li saru lilu fl-istadju tal-investigazzjoni, l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' li tizen fuq naha l-wahda d-deposizzjoni ta' Mamo w fuq in-naha l-ohra dak li sostna l-appellant.
Fid-dawl tal-incertezza tax-xhud Mamo, li a bazi ta' dawn l-incertezzi l-appellant gie dikjarat mhux hati, l-appellant jikkontendi li l-gudizzju tal-Ewwel Qorti mhuwiex "safe and satisfactory", stante li hemm dubbji dwar kemm il-prosekuzzjoni lahqet il-livell tal-prova rikjest minnha skond il-ligi.
Illi l-appellant mas-sejbien ta' htija tieghu gie addebitat lilu l-applikazzjoni tal-artikolu 141 tal-Kodici kriminali w b'rizultat ta' hekk, il-piena li ghalih kien soggett l-appellant zdiedet.
L-appellant jikkontendi li galadarba huwa kien sospiz mis-servizz tal-Pulizija, dana l-addebitu ma setaz jkun applikat fil-konfront tieghu stante li mas-sospensjoni tieghu, huwa ma kienx ghadhom vestiti fih il-poteri tal-Pulizija Ezekuttiva w gie meqjus bhala persuna pajzana. Isegwi ghalhekk li jekk l-appellant ma kellux aktar il-poteri tal-Pulizija, anqas ma baqa' jinkombi fuqu l-obbligu naxxenti minn tali poteri.
Illi l-appellant jikkontendi li f'kaz li l-ewwel aggravju tieghu ma jkunx milqugh minn dina l-Qorti, in vista tad-depozizzjoni ta' PS 1266 Noel Felice (fol. 22 et seq.) l-applikazzjoni ta' dan l-aggravju tkun imhassra.
Illi permezz tal-Att III tas-sena 2002, l-artikoli 308 u 310 tal-Kodici Kriminali saru lilhom xi emendi in rigward tal-piena applikabbli.

Illi minn qari ta’ sentenza mhux maghruf dwar jekk il-piena moghtija lill-appellant hijiex piena entro l-parametri legali tal-Kodici Kriminali hekk kif applikabbli fis-sena 2001 jekk inkella hekk kif applikabbli fid-data tas-sentenza moghtija.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-nota tal-appellant tal-bierah, 17 ta’ Marzu, 2010, bil-kopja tac-cedola ta’ depozitu tal-istess data li giet prezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Qieset li l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza w li ghalhekk ma setghax jigi prezentat ebda dokument minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.  Illi apparti dan hemm irregolaritajiet fl-istess kopja tac-cedola w bil-mod li giet korretta b’linka differenti, din il-Qorti ma tistax tqis din in-nota prezentata bla awtorizzazzjoni f’dan l-istadju hekk tardiv.  Ghalhekk qed tordna l-isfilz taghha.

Qieset pero’ li fis-seduta tal-lum gie mhallas l-ammont kollu ta’ €4192.80 ekwivalenti ghal LM1800 mertu tal-frodi b’eghmil qarrieq pratikat mill-akkuzat lil Maria Mamo.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant  huwa  bazat fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti,  fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida,

jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali **: "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] **; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni w ic-cirkostanza aggravanti ipotizzata fit-tielet imputazzjoni jew addebitu.

Ghalkemm l-Ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellant tar-reat ta' approprjazzjoni indebita skond l-artikolu 293 u 294, dan ma ghamlitux ghaliex ma emmnitx lix-xhud Maria Mamo kif jissottometti l-appellant izda ghax mill-fatti li din iddeponiet ma kienux jirrizultaw l-elementi tar-reat. Mill-banda l-ohra pero' l-Ewwel Qorti rriskontrat htija tar-reat ta' frodi b' eghmil qarrieqi ghax kif gustament qalet l-agir tal-appellant kien jikkonsisti f' messa in scena li

twassal ghall-ingann, biex sar l-akkwist u l-qliegh da parti tal-appellant tas-somma ta' LM1800. B' azzjonietu, b' telefonati fazulli, hu gieghel lil Maria Mamo temmen li hu kien qed jikkomunika ma persuna li kellha taghmilha ta' medjatur bejna w bejn zewgha bil-ghan li l-vertenza li kienet wasslithom sal-Qorti tigi komposta bonarjament.

L-appellant, li ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti, ma cahadx li kien irceva dawn il-flus fl-istqarrija tieghu. Jaccetta li veru kien iltaqa' ma Mamo il-Belt fl-20 ta' Novembru, 2001 u li meta talbitu biex jghina biex issolvi l-problemi li kellha mar-ragel, accetta w ghamel telefonata lil persuna li pero' ma riedx jizvela min kienet, pero' kienet persuna fl-kamp legali. Qal ukoll li l-flus kien ghaddihom lil din il-persuna li ma setghax jghid min hija.

Minn dawn il-fatti l-Ewwel Qorti setghet, fil-fehma ta' din il-Qorti, *"safely and satisfactorily"* tikkonkludi li l-appellant kien qarraq b' Maria Mamo bl-uzu ta' qerq u ingann sabiex igieghel li titwemmen l-ezistenza ta' hila jew setgha fuq haddiehor u sabiex iqanqal it-tama f' Mamo li tista' tirranga l-affarijiet ma zewgha.

Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex raguni biex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti w konsegwentement l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 141, li tahtu nstab hati l-appellant fit-tielet imputazzjoni jew addebitu, hu jikkontendi li ma messux instab hati tieghu ghaliex meta kkommetta r-reat in kwistjoni hu kien diga' sosiz mill-Korp tal-Pulizija. Invece l-Prosekuzzjoni ssostni li tul il-periodu meta kienu qed jigu kommessi r-reati, l-appellant ma kienx sospiz tul iz-zmien kollu w konsegwentement din ic-cirkostanza aggravanti tirrizulta pruvata wkoll.

Illi l-akkuza li nkitbet fit-28 ta' Novembru, 2001, tirriferi ghaz-zmien: *"f' dawn l-ahhar xhur u cioe' fl-20 ta'*

*Novembru, 2001, u/jew fil-jiem ta' qabel u/jew wara din id-data "*

Illi mix-xiehda ta' PS 1266 Noel Felice (fol. 22 et seq.) jirrizulta li l-appellant kien dahal fil-Korp tal-Pulizija w ha l-gurament fil-21 ta' Mejju, 1983 (Dok. JM1 a fol. 26 u 27). Sat-22 ta' Frar, 2002, meta kien qed jixhed dan ix-xhud, l-appellant kien ghadu fil-Korp imma kien sospiz. L-allura Spettur Alexandra Mamo xehdet (fol. 19) li meta kienet qed tinvestiga lill-appellant kienet diga' taf li kien sospiz mill-Korp fuq akkuzi ohra. Dan kien fl-24 ta' Novembru, 2001.

Il-Prosekuzzjoni ma ghamlitx il-prova tad-data meta hu gie sospiz, pero' fl-istqarrija tieghu (Dok. JM a fol. 20) l-appellant qal li kien gie sospiz f' Gunju, 2001 minnhabba allegazzjoni ta' frodi u l-kaz kien pendenti fil-Qorti.

Fl-istess stqarrija kemm l-Ispettur Prosekutur fid-domandi li ghamlet lill-appellant kif ukoll l-appellant fit-twegiba tieghu qablu li l-ewwel kuntatt ma Maria Mamo sar fil-jum tal-20 ta' Novembru, 2001, u li kien dak in-nhar filghaxija li hu rceva l-flus in kwistjoni w cioe'meta, skond l-appellant, hu kien diga' sospiz.

Ghalhekk, fl-assenza ta' prova kuntrarja da parti tal-prosekuzzjoni, din il-Qorti qed taccetta li, ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilta', jirrizulta li verament l-appellant kien diga' gie sospiz tul il-perkors kollu tal-azzjoni kriminuza tieghu fir-rigward ta' Maria Mamo li zvolgiet ruha f' Novembru, 2001.

Illi pero' din il-Qorti tirritjeni li cio'nonostante tali sospensjoni l-appellant xorta wahda kien ghadu jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija bl-obbligi kollha fuqu imposti mill-imsemmi gurament tal-hatra tieghu w senjatament dawk li jidhru a fol. 27 u cioe' li:-

*"….I will subject myself to all Acts, Ordinances, orders and regulations relating to the said Force now in force or which may from time to time be in force and will discharge*

*all the duties of a police officer according to law, without fear or favour, affection or ill will.”*

Illi l-artikolu 346 (1) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li huwa dmir tal-Pulizija li zzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma thallix isiru reati , li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru , li tigbor il-provi …u li ggib il-hatjin, kemm l-awturi kemm il-komplici, quddiem l-awtorita’ gudizzjarja.

Is-sospensjoni mhix tkeccija jew rizenja w konsegwentement l-appellant xorta wahda kellu jibqa’ marbut bil-kondizzjonijiet tad-doveri w obbligi minnu assunti mal-hatra tieghu. Ghalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni jew addebitu w ma kien hemm ebda applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Konsegwentement dan it-tieni aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-aggravju w talba dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999], **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.)

Din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi l-piena ghar-reati li taghhom instab hati mill-Ewwel Qorti, fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati, kienet dik ta’ prigunerija minn erba (4) xhur sa sena ghar-reat ta’ frodi b’ eghmil qarrieqi w dik ta’ prigunerija minn xahar sa tlitt xhur jew il-multa ghall-kaz ta’ frodi innominata. Pero’ skond l-artikolu 310, kif kien fiz-zmien tar-reati, meta l-ammont tal-hsara maghmula mill-hati jkun ta’ aktar minn hames mitt lira, (kif inhu f’ dan il-kaz), il-piena tizdied minn zewg gradi sa tlitt gradi. Hekk, skond l-artikolu 31 tal-Kodici Kriminali l-piena massima ghar-reat ta’ frodi b’ eghmil qarrieqi wahdu (billi jkun hemm l-assorbiment tar-reat taht l-artikolu 309) tista’ titla’ sa’ tlitt snin prigunerija. Ghalhekk, anki minghajr xi zieda

ohra bi grad minhabba l-applikazzjoni tal-artikolu 141, li ukoll l-appellant instab hati tieghu – w li tista’ allura ttella’ l-massimu ghall-erba’ snin prigunerija - l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet sew entro l-parametri tal-ligi.

L-Ewwel Qorti ma kellha ebda obbligu li tghid u tiddikjara jekk kienetx qed teroga l-piena skond il-ligi kif kienet fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati jew fid-data tas-sentenza, kif donnu jippretendi l-appellant. Din il-Qorti ghandha tipprezumi li l-piena li nghatat kienet dik skond il-ligi applikabbli fiz-zmien tar-reat peress li l-piena fi zmien aktar recenti giet awmentata w dan in omagg ghall-principju legali *“omnia praesumitur ritae esse acta”,* sakemm din il-Qorti ma jirrizultalhiex xort’ ohra – li mhux il-kaz.

Ghal dawn il-motivi tichad l-aggravji dwar il-mertu.

Illi mbaghad mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li l-appellant (ex-Pulizija) nstab hati mill-Qrati ta’ reati kriminali mhux inqas minn tmintax (18) il-darba, u f’ sitt kazi nstab hati ta’ reati kontinwati ta’ frodi b’ eghmil qarrieqi, f’ zewg kazi ta’ qliegh b’ qerq u f’ hames kazijiet ta’ approprjazzjoni bla jedd w dan meta kien ghadu pulizija. Apparti ruxxmata ta’ liberazzjonijiet kondizzjonati, *probation* u sentenzi sospizi, darba gie sentenzjat ghal disgha (9) xhur prigunerija w darbtejn ghall-piena ta’ detenzjoni.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma’ tistax tinjora l-fatt li proprju illum – sia pure *“at the eleventh hour”* – l-appellant hallas lil Maria Mamo s-somma kollha li hu kien iffrodaha minnha, w dan ghandu jwassal ghal certu temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi, qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi, fil-waqt li tikkonfermaha fl-intier taghha hlief fil-piena, tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija w minnflok tikkundannah ghal sena prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------